MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Numru 316/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**

**vs**

**OIVEND XUEREB**

**Illum 28 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Oivend Xuereb ta' 18 il-sena, bin Jesmond u Roslyn nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` fl-10 ta' Dicembru 1984 u joqghod Block 6 Flat 3 Triq il-Fosos Floriana, detentur tal-Karta tal-Identita` 328885M gie akkuzat:

Talli fl-10 ta’ April 2003 ghal habta tas-sitta w nofs ta’ filghaxija, fil-Furjana, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Pace skond ma ccertifika it-tabib Moses Camilleri M.D. tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 218 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall Joseph Pace sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, aghmel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli kiser il-provedimenti tal Kap 152 imposti fuqu b’sentenza tad-19 ta’ Frar 2003.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tlettax ta’ Ottubru, 2003 inseriti a fol. 66 ta’ l-atti processwali.

Innutat li l-imputat iddikjara li ma joggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif registrat fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003.

Semghet trattazzjoni.

Illi fis-Seduta tat-28 ta’ April, 2003 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Micallef-Grimaud xehed illi fl-10 ta’ April

tas-sena 2003, il-Pulizija ta’ l-Ghassa tal-Belt Valletta gew infurmati mill-Isptar San Luqa illi certu persuna Joseph Pace kien iddahhal l-isptar b’feriti fil-wicc li kienu gravi. Il-Pulizija giet infurmata ghall-habta ta’ xi s-7.00 p.m. L-Ispettur Micallef Grimaud qabbad kemm lis-Surgent 57 kif ukoll lis-Surgent 1417 sabiex dawn jikkuntattjaw l-Isptar San Luqa halli jaghmlu l-indagini necessarji. Skond l-informazzjoni li kisbu mit-tabib Dr. Moses Camilleri, dan Joseph Pace kien allega li hu kien qala’ daqqa ta’ flixkun go wiccu. Il-Pulizija mbaghad ghamlet kuntatt ma’ dan Joseph Pace gewwa l-Isptar San Luqa u dan Pace kien ta ndikazzjoni li l-persuna li kienet aggredietu kienet il-persuna bl-isem certu Oivend li kellu idea tieghu pero` ma kienx jaf x’kunjomu dak il-hin. Wara li dan Joseph Pace kien rcieva trattament mediku mehtieg, huma baghtu ghalih l-Ghassa l-Belt fejn l-Ispettur Micallef-Grimaud kien kellmu fit-tul lil dan Joseph Pace u dan irrilaxxja stqarrija wara li nghata t-twissija skond il-ligi li giet ipprezentata u esebita bhala Dok. MS1 fejn fih huwa spjega kif kien inqala’ l-incident ma’ certu Oivend. L-Ispettur Micallef Grimaud gharaf fuq kull faccata l-firma ta’ l-istess Joseph Pace, dik tieghu, dik ta’ George Portelli li jigi missier Joseph Pace kif ukoll ta’ PC1123.

L-Ispettur Pierre Micallef Grimaud kompla jixhed u jghid illi:

“Skond Pace l-incident kien inqala’ l-Furjana fil-vicinanzi tal-librerija pubblika ftit ‘l isfel mill-Phoenicia Hotel. U skond Pace dan l-incident sehh f’dawn l-akwati. Mic-certifikat mediku moghti lilna mill-isptar San Luqa skond l-istess certifikat kien jirrizulta illi l-feriti li sofra dan Joseph Pace kienu ta’ natura gravi. Inzid nghid li minn stharrig ulterjuri tal-pulizija gie rintraccjat Oivend Xuereb li huma mill-Furjana u qed naghrfu presenti fl-Awla bhala l-imputat f’din il-kawza. Hu gie mitlub biex jigi l-ghassa tal-Belt. Nghid li fl-istadju li dan Oivend Xuereb dahal l-ghassa tal-Belt il-vittma Joseph Pace kien qieghed wara l-bieb u kif dahal dan Oivend Xuereb l-ghassa dan mill-ewwel gharfu.”

"Apparantement kien jirrizulta li Pace u Xuereb kienu jafu lil xulxin f'xi okkazzjoni li sehhet xi sentejn ilu. Jien lil Oivend Xuereb kont hadtlu stqarrija fl-ufficju tieghi. Jien nikkonferma li nghatajt l-istqarrija skond il-ligi, liema stqarrija qed nesebixxi bhala Dok. MS2. Rrid nghid li l-imsemmi Oivend Xuereb ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Qed naghraf il-firma tieghi, kif ukoll dik ta' PS 1417 f'kull faccata ta' din l-istqarrija. Wara li saru l-istharrig mehtieg, jien deherli li kelli nohrog l-akkuzi odjerni merti ta' din il-kawza."

In kontro-ezami, l-Ispettur Pierre Micallef-Grimaud xehed:

"Nixtieq nghid li meta Oivend Xuereb dahal go l-ghassa l-Belt u kif semmejt kien hemm Joseph Pace li kien gharfu, nghid li ma kien hemm ebda forma ta' xi agressjoni jew reazzjoni agressiva, la wiehed u lanqas l-iehor u lanqas fil-konfront ta' xulxin."

Fl-istess Seduta tat-28 ta' April, 2003 xehed PS 57 Raymond Caruana fejn qal:

"Nghid illi fl-10 ta' April 2003, jiena kont xoghol ta' bil-lejl fl-ghassa tal-Belt Valletta fejn jien kont nfurmat minn Dr. Moses Camilleri li kien xoghol il-casualty fl-isptar San Luqa fejn dan kien ghadu kif ezamina u ccertifika lil Joseph Pace li dan kellu injuries ta' natura gravi."

"Jien kellimt lil Joseph Pace l-isptar San Luqa. Dan Pace lili qalli li hu kellu argument ma' xi hadd Oivend mill-Floriana. Jien nnutajt li dan kellu griehi fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u dan qal li hu kien sofra dawn il-griehi b'daqqa ta' flixkun. Nghid illi jien lil dan Joseph Pace dejjem kellimtu fil-presenza ta' missieru. Jien wara mort l-ghassa tal-Belt biex nfittx lil dan certu Oivend li joqghod il-Floriana. Nghid qabel jien kont mort fuq il-Floriana fuq il-fosos fejn kienu qaluli li kien qieghed hemm hekk waqt xi meeting tal-labour pero ma konniex sibnieh."

"Nesebixxi kopja ta' l-okkorrenza li qed tigi esebita u mmarkata bhala dok. PJ1 u nixtieq naghmel referenza ghall-fatt li fejn fl-istess dokument hemm indikat bhala

data *Incident Date From* u qeghda mmarkata bhala 10/03/2003 fejn hemm indikat *Incident Date To* u hemm 10/03/2003, dan effetivament irid jinqara 10/04/2003 u nghid fil-fatt jien ghamilt riferenza ta' dan stess taht is-Subtitolo Notes."

Fis-Seduta tat-28 ta' April, 2003 xehed ukoll PC 1123 Charlot Magro u qal:

"Nghid li jien kont xhut ta' l-istqarrija ta' Joseph Pace u f'dan ir-rigward naghmel referenza ghal dok MS1 li nikkonferma li din hija stqarrija ta' l-istess Joseph Pace."

"Nikkonferma li l-istess Joseph Pace nghata twissija skond il-ligi u wkoll qed naghraf il-firma tieghi, dik ta' l-iSpettur Pierre Micallef Grimaud, dik ta' Joseph Pace li ghazel li jiffirma din l-istqarrija kif ukoll ta' George Pace li jigi missier Joseph Pace u dawn il-firem qed naghrafhom f'kull faccata ta' l-istess stqarrija."

Fis-Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003 xehed PS 1417 Stephen Tarpey u qal:

"Nghid illi fil-11.04.2003 jien kont stazzjonat l-ghassa tal-Belt u kont flimkien ma l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud fejn fl-ufficju kien hemm presenti l-imputat Oivend Xuereb. Nghid li qed jigi muri dokument M2 li jinsab a foll 23 u 24 tal-process. Nikkonferma li jien kont presenti ghat-tehid ta' l-istqarrija ta' l-imputat Oivend Xuereb li qed naghraf presenti fl-awla. Nikkonferma li l-imputat nghata twissija skond il-ligi mill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud. Qed naghraf il-firma tieghi kull fejn tidher fuq din l-istqarrija kif ukoll il-firma ta' l-ispettur tieghi Micallef Grimaud u nzid nghid li kien ghaze li ma jiffirmax din l-istqarrija."

Fl-istess Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003 xehed ukoll PC 120 Victor Pace li qal:

"Nghid illi jiena in kwantu ghall-involviment u investigazzjonijiet f'dan il-kaz ma kelli ebda involviment. Nghid jien kull ma ghamilt kien stante WPC 229 biex

dahhlet ir-rapport fil-kompjuter kellha bzonn password utilizzat il-password tieghi. Konsegwentement fir-rapport deher in-numru tieghi. Effettivament allura nghid li kienet WPC 229 li kienet rregistrat ir-rapport."

Fit-13 ta' Gunju, 2003 xehed ukoll Joseph Pace li qal:

"Nghid illi fl-10 ta' April 2003 jien kont fejn il-Mall il-Floriana qrib il-fosos. Mieghi kien hemm habib tieghi Aaron Agius. Nghid illi jien kont hemm ghal xil-5.00 p.m. Nghid illi mbaghad gie Oivend li qed naghrfu bhala l-imputat presenti fl-Awla. Nghid illi bhala hin dan kien xil-5.30 p.m. jew 6.00 p.m. Nghid illi jiena kont miexi u qlajt daqqa ta' flixkun. Kien l-imputat Oivend li taghni daqqa ta' flixkun. Nghid dan kien flixkun tal-birra Heineken u kien tal-hgieg. Nghid li d-daqqa tahieli fuq in-naha tax-xellug ta' wicci, vicin ta' widnejja tax-xellug fuq in-naha tal-wicc mad-dawra tal-warda tal-wicc. Nixtieq nghid li jien dak il-hin kont miexi ghall-affari tieghi. F'daqqa wahda rajt lill-imputat gej bi flixkun. Nghid illi l-imputat gie minn warajja. Nghid li jien indunajt li l-imputat ghax jien kont dort, rajtu bil-flixkun u jien tlaqt nigri. Nghid jiena mbaghad tlaqt nigri lejn in-naha tal-librerija tal-Floriana jigifieri fid-direzzjoni tal-lukanda Excelsior u d-daqqa mbaghad l-imputat tahieli hemm hekk. Nixtieq nghid li jien u Oivend kellna xi nghidu fil-karnival u dan minhabba li jiena u hu Oivend konna partatna rota. Dan fis-sens li hu kien taghni rota u jien tajtu ohra. Imbaghad spiccajna li ma konniex qbilna jien u hu Oivend. Nghid illi fil-karnival Oivend kien gie biex jaghtini u l-istorja kienet waqfet hemm. Nghid li fl-okkazzjoni meta kien gie biex jaghtini Oivend jien kont hrabt. Nghid konsegwentement l-ahhar incident li kien hemm kienet din li meta gie biex jaghtini fil-karnival qabel ma grat din tal-Floriana. Nghid li f'dan il-perjodu pero gieli rajt lill-imputat u f'dawn l-okkazzjonijiet gieli ghamilli xi gesti oxxeni fil-konfront tieghi. Jien kont nibqa ghaddej u b'hekk ma kien jinqala xejn. Nghid li jien f'din l-okkazzjoni ta' meta Oivend gie biex jaghtini bil-flixkun tal-birra, jien lilu ma kont ghidtlu xejn. Jien fil-fatt meta rajtu gej bil-flixkun qbadt u tlaqt nigri. Nghid jiena meta nnutajt lill-imputat bil-flixkun kellu diga l-flixkun f'idejh mgholli 'l fuq. U kien gej lejja. Kif rajt hekk jiena tlaqt nigri. Nghid illi

dan siehbi Aaron Agius kien ra lil Oivend Xuereb jaghtini bil-flixkun. Nghid li kif imbaghad Oivend Xuereb taghni bil-flixkun nghid illi mbaghad Oivend imbuttani u spiccajt waqajt ma l-art. Jien imbaghad rajthom jitilqu jigru. Nghid li jien kull ma ghamilt pruvajt nilqa' b'idejja biex ma jaghtinix bil-flixkun pero hu taghni bil-flixkun. Imbaghad imbuttani u spiccajt fl-art. Nixtieq nghid li ma' Oivend kien hemm haddiehor. Nghid dan guvni pero` jien ma nafux. Nghid sakemm Oivend lili taghni bil-flixkun dan il-guvni l-iehor lili zammni minn wara. Nghid illi jien mad-daqqa tal-flixkun beda niezel hafna demm u Oivend u li kien hemm mieghu telqu jigru. Nixtieq nghid li in kwantu ghal segwenza, jien l-ewwel li rajt kien lil Oivend u Oivend beda jigri warajja imma mbaghad wara gie wkoll dan il-guvni. Nixtieq nghid ukoll li jien barra li ghidt li pruvajt nilqa' biex ma jaghtinix bil-flixkun, jiena wkol pruvajt niddefendi ruhi billi jien mbuttajt lil Oivend u wkoll zammejtlu idu pero` xorta rnexxielu jaghtini bil-flixkun. Jien imbaghad bqajt niezel iktar 'l isfel lejn l-Excelsior, rajt habib tieghi imlaqqam bhala 'r-Razzi' u hu wassalni sad-dar tieghi. Imbaghad minn hemm hekk kien hemm missieri u zijuwi u haduni l-Isptar San Luqa. Jien gejt immedikat. Jien wara xi hmistax mort naqta' l-punti. It-tabib iccekkjali wicci u ma sabuli xejn. Nghid pero` c-cikatrici fuq wicci ghadha tidher sa llum. In kwantu ghall-bqija pero` ma kien hemm ebda kumplikazzjonijiet."

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami u jghid:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jien u l-imputat ghadniex bit-tikketta nghid li ma ghadniex. Nghid li jien fil-fatt lest li lill-imputat nahfirlu."

Fl-istess Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003 xehed ukoll George Pace li qal:

"Qed nigi muri Dok. MS li hu starrija tat-tifel tieghi Joseph Pace. Nikkonferma li jien kont presenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija tat-tifel tieghi. Nikkonferma ukoll illi qed ngharaf il-firma tieghi kull fejn tidher fuq din l-istqarrija kif ukoll il-firma tat-tifel tieghi Joseph Pace u nikkonferma wkoll li t-tifel tieghi Joseph Pace kien nghata t-twissija skond il-ligi."

Fix-xhieda tieghu fis-Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003, ix-xhud Aaron Agius xehed:

"Nghid li jien bhala eta Ghandi 16-il sena u l-Qorti qed tinfurmani dwar is-serjeta tal-htiega li wiehed jghid il-verita kollha. Is-serjeta tat-tehid tal-gurament u nghid li jien nifhem x'jigifieri s-serjeta li wiehed jiehu gurament.

Nghid illi fl-10.04.2003 bejn qisu l-5.00 p.m. u l-6.30 p.m. jien kont flimkien ma Joseph Pace, konna nezlin in-nizla li taghti ghan-naha ta' fejn hemm il-librerija tal-Florina. Nghid li Oivend li qed ngharfu bhala l-imputat presenti fl-awla u kien hemm iehor mieghu u dan l-iehor li nista nghid huwa guvni pero ma nafx min hu kienu qed jigru wara Joseph. Jien kont qieghed hdejn Joseph. Jien bzajt u tlaqt nigri l-isfel. Jien bqajt sejjer lejn it-triq il-gdida l-isfel. Nghid illi meta nnutajt lil Oivend nnutajt li kellu flixkun f'idu. Jien peress li rajt li Oivend Xuereb kellu flixkun f'idu jien bzajt u nzilt nigri. Nghid illi jien imbghad bqajet sejjer nigri l-isfel. Naf illi Joseph Pace, Oivend Xuereb u sieheb Oivend nghid dawn imbghad daru d-dawra u ghal hekk x'gara wara jien dak il-hin ma rajt xejn. Nghid illi jien meta rajt lil Oivend Xuereb kellu flixkun f'idejh jien bzajt u tlaqt nigri. Nghid illi jiena nahseb illi dawn kienu ghal Joseph ghax kieku kienu ghalija kienu jilhqu lili. Inkwantu ghad-diskors dak il-hin li konna qed nigru jien la smajt diskors min-naha ta' Oivend u lanqas min-naha ta' Joseph. Nghid l-ewwel kien telaq jigri Joseph imbghad tlaqt jien. Nghid illi jien imbghad lil Joseph kont rajtu wara jumejn. Meta qed nghid Joseph qed nirreferixxi ghal Joseph Pace."

Fit-13 ta' Gunju, 2003 xehed ukoll l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud li qal:

"Qed nesebixxi sentenza moghtija fid-19 ta' Frar 2003 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi fl-ismijiet Pul Spettur Louise Vella u Spettur Simon Galea vs Oivend Xuereb. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala dok. PJ1."

Rega’ xehed George Pace fejn qal illi ghan-nom ta’ ibnu minuri Joseph Pace qed jiddikjara li hu qed jahfer lill-imputat ghall-akkadut.

Fis-Seduta tat-22 ta’ Lulju, 2003 xehed Dr. Moses Camilleri, M.D., fejn qal:

“Qed nigi muri certifikat mediku li jinsab a foll 5 tal-process. Nikkonferma li dan ic-certifikat rrilaxxjajtu jiena. Qed naghraf il-firma tieghi fuq dan ic-certifikat. Nghid li jiena kif iccertifikajt l-istess certifikat tieghi li Ghandi kif ghamilt riferenza ghalih, in-natura tal-griehi sofferti minn Joseph Pace kienu ta’ natura gravi. In kwantu ghal dna il-pazjent Joseph Pace li naf huwa li kien gie riferut ghal iktar kura fil-kwalita ta’ out patient.”

Fis-Seduta ta’ l-10 ta’ Settembru, 2003 xehed l-Ispettur Simon Galea fejn qal:

“Nghid li qed nigi muri sentenza mmarkata bhala Dok. PJ1 li itnsab a foll 51 u 52 tal-process f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura kriminali mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi datata 19 ta’ Frar 2003 bl-ismijiet Pulizija Spt Louise Vella u Spt Simon Galea vs Oivend Xuereb iben Desmond mwieled Pieta fl-10 ta’ Dicembru 1984. Nikkonferma li jien kont wiehed mill-ufficjali prosekuturi f’din il-kawza u nikkonferma wkoll li l-imputat f’din il-kawza odjerna li qed ngharfu presenti fl-awla hu wkoll l-imputat li fuq nghatat is-sentenza Dok PJ1 li ghadni kemm ghamilt referenza ghaliha.”

Fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2004 xehed Joseph Pace, prodott mid-difiza in kontro-ezami u qal:

“Nghid li dak inhar tal-incident meta grat il-kawza fuq il-fosos kien hemm mass meeting. Dan kien l-incident meta konna ggilidna jien u Oivend. Nghid ahna dak il-hin li kien hemm il-glieda konna qeghdin vicin fejn kien hemm is-somma tal-mass meeting. Din il-glieda spiccajna imqabbdin ma xulxin u spiccajan wkoll ma l-art jien u Oivend. Nghid li l-incident sehh fejn il-librerija tal-Floriana, dan fit-triq li twassal ghal-librerija. Nghid fliexen ma’ l-art

fejn kienet saret il-glieda kien hemm ghax kien hemm il-meeting. Il-flixkun li kellu f'idejh Oivend kien shih. Nghid il-flixken kien hemm ma l-art kien hemm minnhom li kien miksur u kien hemm minnhom li kien shih. Din il-glieda spiccajna li tgerbibna wkoll ma l-art. Kif jien weggajt wicci waqfet il-glieda. Nghid jien weggajt wicci meta waqajt ma l-art. Jien weggajt bil-fliexken li kien hemm ma l-art tal-Heineken. Jien li naf hu li meta konna qed niggieldu ma l-art hbatt wicci ma l-art u ftaht wicci. Nghid jien ma l-imputat Oivend Xuereb kien hemm ukoll siehbu. Dan kien gie jzommni biex lilna jferraqna halli ma nkomplux niggieldu. Nixtieq nghid li Oivend kien gie bi flixkun f'idejh u hu prova jaghtini il-flixkun, spicca l-flixkun waqalu ma l-art, ahna spiccajna niggieldu ma l-art u jien kif kont weighed ma l-art fil-glieda, hgieg tal-flixkun imkisser spicca qatghali wicci u bdejna niggieldu ma l-art. Nixtieq nghid li fl-art kien hemm hgieg ta' diversi flixkien. Kien hemm flixken kemm imkissrin u kemm le. Nixtieq nghid li fil-fatt meta Oivend gie biex jaghtini bil-flixkun jien ilqajt b'idejja u spicca li l-flixkun li kellu f'idejh Oivend waqa ma l-art. Ghal daqstant nghid li in kwantu ghad-deposizzjoni li jien tajt fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2003 kont xhedt b'mod differenti dwar kif sehhew l-affarijiet ghax dak iz-zmien kont bl-impressjoni li Oivend kien hu li taghni fuq wicci bil-flixkun mentri wara imbghad irrealizzajt li jien spiccajt ferejt wicci meta jien waqajt ma l-art. Ghal hekk nghid li l-verzjoni korretta ta' kif graw l-affarijiet hija dik ta' llum."

Fis-Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004 rega' xehed Joseph Pace, minn jeddu, wara li nghata t-twissija mill-Qorti u qal:

"Nghid li jien ghadni kif gejt imwissi mill-Qorti li jien minix obligat nirrispondi ghal domandi li jistghu isiruli u dak kolli li nghid jista jingab bhala prova kontra tieghi u jien nikkonferma li jien nixtieq minn jeddi nixhed. Nghid li jien illum nixtieq nikkonferma bil-gurament tieghi li l-verzjoni vera li jien kont tajt f'din il-kawza kienet il-verzjoni tax-xhieda li jien tajt fit-13 ta' Gunju 2003 u mhux dik li tajt fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2004. Dan jigifieri li meta jien u Oivend Xuereb konna qed niggieldu, Oivend Xuereb veru taghni bil-flixkun fuq wicci. Jien jidhirli li l-flixkun li taghni bih Oivend Xuereb, jidhirli kien diga imkisser. Anzi nghid

jien li b'ghajnejja rajt kien li Oivend Xuereb kisser flixkun ma l-art u imbghad taghni fih. Jien imbghad naf li jien fthat wicci u kulhadd telaq jigri. Jien xhedt kif xhedt fis-sedua tal-14 ta' jannar 2004 ghax jien kont qed nibza. Dan ghax kont qed nahseb li ser isibuni barra."

Fuq domandi mid-difiza l-istess Joseph Pace kompla jixhed u jghid:

"Nghid matul il-proceduri ta' din il-kawza l-imputat lili qatt ma gie jsibni. Nghid illi jien meta Oivend Xuereb l-imputat kien kisser il-flixkun ma l-art jien lili zammewni xi tlieta jew erbgha ohra u Oivend Xuereb taghni fuq wicci bil-flixkun. Dawn it-tlieta jew erbgha ohra jien minn wicchom ma nafxhom. Jien lill-imputat nafu ghax kont narah il-Belt qabel. Jien kont narah daqqa wahda u daqqa kien ikun hemm huh mieghu. Fl-incident jien mieghi kelli siehbi pero dan telaq. Jigri. Nghid li siehbi telaq jigri meta ra li kienu gejjin erbgha min-nies ghalina. Nghid xi tlett kwarti qabel ma Oivend Xuereb kien gie taghni bil-flixkun kien sehh incident. Nghid li dan sehh hdejn il-monument tal-indipendenza. Hemm hekk konna jien u habib tieghi Aaron. Ghall-ewwel nghid Oivend kien wahdu. Kellna xi nghidu u cioe nghid kellna xi nghidu jien ma Oivend. L-ewwel illitakajna naqra bil-kliem u imbghad iggilidna bl-idejn. Meta ggilidna bl-idejn spiccajna jien u Oivend it-tnejn ma l-art. Ahna t-tnejn waqajna flimkien fl-art. Ahna ggilidna ghax darba ilu kellna xi nghidu fil-karnival u imbghad iltaq mieghi hemm hekk. Nghid imbghad gew il-pulizija tat-traffic fuqna. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur ghaliex f'okkazjonijiet precedenti dan l-incident ma semmejtux nghid ghaliex jien dwar l-incident fuq wicci ghidtilkom. Nghid in kwantu ghal kemm kien hemm hbieb ta' Oivend meta dan gie biex jaghtini bil-flixkun nghid li wiehed beda jzommni minn wara u l-ohrajn bdew jaghtuni bis-sieq meta jien kont ma' l-art. Dawn kien hemm diversi hbieb ta' Oivend li bdew isawtuni. Jien nahseb li b'Oivend u bi shabu b'kollox kien hemm bejn 3 u 4. Nixtieq nghid li jien kif rajt jiena kienu bejn tlieta sa erbgha inkluz Oivend fil-hin lil lili Oivend taghni bil-flixkun. Nghid li ma l-art kien hemm fliexken imkissrin u kien hemm ukoll flixken li kienu shah ma l-art. Nghid jiena meta kont qed izommuni ma l-

art u cioe kien hemm wiehed qed izommni u l-ohrajn qed jaghtuni bis-sieq nghid li Oivend Xuereb l-imputat kisser il-flixkun ma l-art u imbghad taghni fuq wicci meta jien kont qeighed ma l-art. Nghid li jien il-feria li sofrejt jiena f'wicci kif rajtha jien qlajtha minghand Oivend meta taghni bil-flixkun. Nghid jien kif qlajt id-daqqa bil-flixkun hassejt bhal tniggiz go wicci u imbghad kif qomt hassejt id-demm niezel ma wicci u l-flokk imtlieli kollu demm. Nghid li jien hassejt id-demm niezel ma wicci jien u inqum mill-art u mhux jien u niezel ma l-art. Nghid li anke daqqiet tas-sieq li bdew jaghtuni hassejt. Meta jien kont qieghed fl-art naqla d-daqqiet ta' sieq kien hemm il-hgieg ma l-art. Nghid jien meta kont qieghed ma l-art u bdejt naqla ma hassejtx tingiz ta' hgieg li kien hemm ma l-art mieghi. Jien dak il-hin li hassejt huma id-daqqiet ta' sieq. Nghid pero id-daqqa tal-flixkun minghand l-imputat jien meta tahieli fuq wicci jien dak hassejtu. Nghid li d-daqqa li taghni Oivend bil-flixkun tahieli meta jien kont qieghed ma l-art."

Fis-Seduta ta' l-20 ta' April, 2004 xehdet Roslin Xuereb fejn qalet:

"Konsapevoli tal-fatt li l-imputat huwa ibni, jiena nixtieq nixhed u ghalhekk naghzel li nixhed. Jiena bhala tfal ghandi erbgha (4). L-imputat hu ibni l-kbir. L-izghar tifla li ghandi ghandha ghaxar (10) snin, imbaghad hemm tnejn ohra, wiehed ghandu "seventeen" (17) u "eighteen" (18) u l-imputat Oivend ghandu dsatax-il sena u nofs (19 ½).

Nghid meta jiena kien spicca z-zwieg tieghi, it-tfal kienu ghadhom zghar hafna, u dana nghid qed insemmi xi tlettax-il (13) sena ilu, u dan ghalhekk nghid illi l-imputat kellu xi sitt (6) snin. Nghid jiena kont qieghda "San Blas", it-tfal kienu qieghdin l-istitut, nghid imbaghad iz-zwieg sfaxxa meta jien kont qieghda "San Blas" naghmel programm. Nghid illi r-ragel ukoll kien qieghed jaghmel il-programm ukoll "San Blas". Jidhirli b'kollox it-"treatment" tieghi gewwa "San Blas" kien ta' madwar hdax-il xahar u fuqhom. Jiena t-"treatment" kont bdejtu "Mount Carmel", imbaghad kont mort il-"Caritas" u b'kollox fit-total it-"treatment" kien xi sentejn. Jiena mbaghad mill-ewwel kif

spiccajt it-“treatment” hadt it-tfal mieghi. Imbaghad nghid illi wara kien gie annullat iz-zwieg.

Meta jiena kont hrigt mit-“treatment” u hadt it-tfal f’idejja konna nghixu jien u t-tfal biss; ir-ragel ma kienx maghna. Nghid ghalhekk li t-tfal ghamlu xi sentejn fl-istitut. Nghid ghalhekk jiena lill-imputat Oivend hadtu mieghi allura d-dar qisu meta kellu xi tmien (8) snin u ghadu mieghi d-dar sa llum. Nghid illi bil-passat tieghi u tar-ragel, minkejja l-fatt illi jiena ghamilt dak kollu li stajt biex nipprova intihom it-trobbija kif jixirqilhom, nghid illi jiena innotajt illi Oivend xorta kellu elementi fih ta’ ribell u ta’ ugiegh ghal dak illi ghaddew minhabba l-passat taghna u nghid insemmi l-kelma ugiegh ghaliex Oivend kien jinfexx jibki.

Nghid illi l-imputat mieghi jitkellem hafna fuq il-problemi tieghu. Jiena nixtieq nghid illi jiena, u dana lil Oivend kellimtu dwar dana, li jiena l-passat tieghi ma nistax nibdlu. Nghid li jiena nahseb illi l-mod ta’ ribelljoni u l-ugiegh li jhoss go fih ibni l-imputat huwa minhabba l-passat tieghi. Nghid Oivend illum qieghed jahdem regolarment, dana “full time”, u nghid li ilu f’dan l-ahhar xoghol li ghandu ghal madwar din l-ahhar sena. Nghid illi huwa qieghed jahdem ma’ “Vassallo Builders” u kif diga` ghidt ilu ghal dawn l-ahhar madwar sena.

Nghid illi wara li sehh l-incident meritu ta’ din il-kawza t-tifel Oivend ma kienx joghgobni, bil-kemm kien jiekol u ma kienx jorqod. Kien jigi jqajjimni mal-lejl biex jitkellem mieghi, u dan biex jghidli xi jkun qed jghaddi minn mohhu. Nghid illi naf illi t-tifel kien qieghed imur ghand Dr. Charles Azzopardi, u nghid illi t-tifel kien lahaq ha xi erba’ sa hames “sessions”. Nghid dan konna nhallsuh kull darba li mmorru. Peress li dan kien jaf li ma nistax inhallas kull gimgha huwa irreferiena ghall-“Appogg”. Imbaghad it-tifel beda jmur hemmhekk ghand l-“Appogg”, pero` peress li mbaghad fix-xoghol dahal bl-“overtime” ma setax imur iktar ghand l-“Appogg”.

Nghid illi llum il-gurnata l-komportament ta’ Oivend mieghi huwa tajjeb u hu jghinni hafna, u nghid illi anke l-imgieba tieghu regghet giet kif kienet. Nixtieq hawnhekk naghmel

korrezzjoni li fil-fatt allura nghid illi ma’ “Vassallo” it-tifel ilu inqas minn sena jahdem, ghax wara l-incident kien ghamel perijodu fejn, u dan qisu xi xahrejn, li ma jahdimx. Fil-fatt qabel l-incident meritu ta’ din il-kawza l-imputat kien jahdem ma’ tal-hgieg u mbaghad wara l-incident ghamel xi xahrejn ma jahdimx u mbaghad qabad jahdem ma’ “Vassallo Builders”.

Nghid ghal dak il-perijodu ta’ xahrejn wara l-incident, it-tifel waqaf jahdem ghaliex ma kienx tajjeb biex jahdem. Imbaghad wara li kien ghamel xi “sessions” ghand Dr. Charles Azzopardi, imbaghad beda jahdem ma’ “Vassallo Builders”.”

L-istess xhud rega’ xehed fl-14 ta’ Jannar, 2004, prodott mid-difiza in kontro-ezami. F’din l-okkazzjoni dan ix-xhud biddel sostanzjalment il-versjoni li kien ta fid-deposizzjoni tieghu precedenti.

Fit-23 ta’ Jannar, 2003 ix-xhud Joseph Pace ipprezenta Rikors quddiem din il-Qorti fejn talab lill-Qorti tirrikjamah ghall-korrezzjoni tax-xhieda tieghu moghtija waqt is-Seduta ta’ l-14 ta’ Jannar, 2004.

Illi b’Digriet moghti minn din il-Qorti fis-Seduta tal-11 ta’ Frar, 2004, il-Qorti pprovdiet ghal dan ir-Rikors billi ordnat li a kura tal-Prosekuzzjoni jigi mharrek ir-Rikorrent Joseph Pace sabiex jerga’ jiddeponi fis-Seduta li ghaliha kienet differita l-kawza u cioe` fit-2 ta’ Marzu, 2004 fil-11.00 a.m., u dan salv kull provvediment li l-Qorti jidhrilha opportun li taghti fil-konfront tal-istess Rikorrent Joseph Pace.

Fis-Seduta tat-2 ta’ Marzu, 2004 xehed l-imsemmi Joseph Pace, li wara li nghata twissija skond il-Ligi mill-Qorti, *inter alia* qal:

“………………………..”. “Nghid li jien illum nixtieq nikkonferma bil-gurament tieghi li l-versjoni vera li jien kont tajt f’din il-kawza kienet il-versjoni tax-xhieda li jien tajt fit-13 ta’ Gunju 2003 u mhux dik li tajt fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2004. Dan jigifieri li meta jien u Oivend Xuereb konna qed niggieldu, Oivend Xuereb veru taghni bil-

flixkun fuq wicci.” “……………………….” “Jien xhedt kif xhedt fis-seduta tal-14 ta’ jannar 2004 ghax jien kont qed nibza. Dan ghax kont qed nahseb li ser isibuni barra.”

Illi wara din id-deposizzjoni l-Qorti ordnat li a kura tad-Deputat Registratur tal-Awla ghandha tintbaghat kopja tat-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet li ta x-xhud Joseph Pace f’din il-kawza lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini li dan jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji u jiehu l-passi kollha opportuni.

Fil-fehma tal-Qorti, il-versjoni li ta Joseph Pace fid-deposizzjoni tieghu tat-13 ta’ Gunju, 2003 u li hu ikkonferma fid-deposizzjoni tat-2 ta’ Marzu, 2004 bhala l-versjoni vera, hi l-versjoni l-iktar kredibbli u hi sostanzjalment kollaborata mix-xhud Aaron Agius u dan ovvjament sal-istadju li dan ix-xhud kien ghadu fuq il-post u kien ghadu qed jara x’qieghed jigri. (Deposizzjoni moghtija fit-13 ta’ Gunju, 2003, fol. 47 sa 48 tal-Process). F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Istqarrija li Joseph Pace ta lill-Pulizija fil-11 ta’ April 2003 (Dok. MS1, a fol. 21 sa 22 tal-Process), liema Stqarrija sostanzjalment taqbel mad-deposizzjoni tat-13 ta’ Gunju, 2003 ta’ Joseph Pace.

Il-Qorti ezaminat l-Istqarrija li ta lill-Pulizija l-imputat Oivend Xuereb fil-11 ta’ April, 2003 (Dok. MS2, a fol. 23 u 24 tal-Process). Il-Qorti hi tal-fehma li ‘l-versjoni tal-imputat f’din l-Istqarrija mhix veritiera. Hawn il-Qorti thoss li ghandha tistaqsi l-ghala l-imputat ma tellghax bhala xhieda lill-kugin tieghu Roderick u t-tfajla tieghu Zvetlana li hu jsemmi fl-Istqarrija tieghu? Hawn il-Qorti ticcita bran mill-imsemmija Stqarrija tal-imputat fejn fuq id-domanda: “Dak il-hin fejn kienet it-tfajla tieghek?”, l-imputat wiegeb: “Ma nafx, jien kont bghattha ‘l hemm. Naf li ratu itini daqqa izda kienet telqet lejn il-gnien” (Sottolinjar tal-Qorti).

Inkwantu ghan-natura tal-griehi sofferti minn Joseph Pace, il-Qorti a skans ta’ ripetizzjoni taghmel referenza ghad-deposizzjoni moghtija minn Dr. Moses Camilleri fis-Seduta tat-22 ta’ Lulju, 2003 u riportata iktar qabel f’din is-

Sentenza, kif ukoll taghmel referenza ghac-certifikat mediku rilaxxjat mill-istess Moses Camilleri li jinsab a fol. 5 tal-Process.

Riferibilment ghar-raba' akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ticcita bran mill-Istqarrija tal-imputat, fejn l-imputat, b'referenza ovvja ghal Joseph Pace, qal: "Jiena offendejtu ………" (Ara Dok. MS2 fol. 24 tal-Process).

Inkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda l-ksur da parti tal-imputat ta' provvedimenti tal-Kap. 152 imposti fuqu b'sentenza tad-19 ta' Frar, 2003, il-Qorti taghmel referenza ghal Dok. PJ1 li hi vera kopja tas-Sentenza moghtija fid-19 ta' Frar, 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp Louise Vella Sp Simon Galea) vs Oivend Xuereb, iben Jesmond, imwieled Pieta` fl-10 ta' Dicembru, 1984. F'dan ir-rigward taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' l-Ispettur Simon Galea moghtija fl-10 ta' Settembru, 2003, iktar qabel riportata f'din is-Sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qieghda taccetta l-versjoni tax-xhud Joseph Pace moghtija fit-13 ta' Gunju, 2003 bhala l-iktar versjoni kredibbli u tasal ghall-konkluzjoni li fid-dawl tal-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova b'mod soddisfacenti l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat.

Rat l-artikoli 214, 218, 339(1)(d), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 u l-artikoli 5, 9, 10 u 11 tal-Kap. 152, illum 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat il-kontenut tal-artikolu 28 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Oivend Xuereb hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta` tenera tal-imputat, il-fatt li l-vittma Joseph Pace fid-deposizzjoni tieghu tat-13 ta' Gunju, 2003 iddikjara li fil-fatt lest li lill-imputat jahfirlu, li George Pace fid-deposizzjoni li ta fit-13 ta' Gunju, 2003 qal: "Nghid illi jiena ghan-nom ta' ibni minuri Joseph Pace niddikjara li

jien qed nahfer lill-imputat ghall-akkadut" u fid-dawl tac-cirkostanzi xejn felici li l-imputat ghadda hajtu s'issa u senjatament it-trobbija li kellu l-imputat kif spjegati minn ommu Roslin Xuereb fid-deposizzjoni moghtija fis-Seduta ta' l-20 ta' April, 2004 u riportata iktar qabel f'din is-Sentenza fejn ukoll l-istess xhud, *inter alia*, iddikjarat li l-imputat ghandu xoghol u liema cirkostanzi jwasslu lill-Qorti li tiddikjara li tali cirkostanzi huma ragunijiet specjali u straordinarji li jimmeritaw l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita` li jzomm mat-triq it-tajba u li ghalhekk piena karcerarja mhix wahda idonea, ghalhekk il-Qorti tikkundanna lill-imputat Oivend Xuereb ghall-piena komplessiva ta' tmien mitt Liri Maltin (Lm800) multa rigward l-ewwel erba' akkuzi u nkwantu ghall-ahhar akkuza tikkundanna lill-istess Oivend Xuereb ghall-piena ta' sitt mitt Liri Maltin (Lm600) multa u dan wara li qieset il-gravita` tar-reati li taghhom instab hati l-imputat bis-Sentenza li kopja vera taghha tinsab a fol. 51 u 52 tal-Process u mmarkata bhala Dok. PJ1 u li fl-istess Sentenza l-Qorti rat li meta graw il-fatti l-imputat kien minorenni. Ghaldaqstant l-ammont totali tal-multa inflitta fuq l-imputat Oivend Xuereb bis-Sentenza odierna hi ta' elf u erba' mitt Liri Maltin (Lm1,400).

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-art. 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Oivend Xuereb b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Joseph Pace ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tat tali piena pekunarja lill-imputat bl-isperanza li din il-piena ghandha iddahhal sens qawwi ta' responsabbilta` fl-imputat li joqghod attent li jzomm xoghlu u sservih ukoll ta' deterrent.

Il-Qorti trid hawn taghmilha cara lill-imputat li qeghda taghtih din l-ahhar opportunita` li jimxi fir-retta via u ma jippretendix li jekk jerga' jikser il-ligi sejjer jircievi xi hniena mill-Qorti.

Finalment fid-dawl tac-cirkostanzi ta' l-imputat kif spjegati mix-xhud Roslin Xuereb fid-deposizzjoni taghha ta' l-20 ta'

April, 2004 u l-eta` tenera tieghu, il-Qorti bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghti lill-imputat Oivend Xuereb tmienja u ghoxrin (28) xahar zmien millum sabiex ihallas it-total tal-multa fuqu inflitta b’din is-Sentenza u cioe` elf u erba’ mitt Liri Maltin (Lm1,400) u dan f’rati mensili ta’ hamsin Liri Maltin (Lm50) l-wahda u f’kaz li ma jsirx hlas ta’ xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u d-disposizzjonijiet kollha tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghoddu ghall-kundanna ta’ multa u ghall-arrest u prigunerija, jekk ma jsirx il-hlas tal-multa, ikunu jghoddu ghal hekk.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------